**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Il-35 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 20 ta' Lulju 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Riżoluzzjoni Speċjali dwar is-Sejħa għall-Offerti QLC PC 49/15**
4. **Tisbiħ ta' Sqaqien fil-konfini tal-Qrendi**
5. ***Resurfacing* ta' Triq il-15 t'Awwissu (parti minn)**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-35 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-34 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 10/2015, mibgħuta mid-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 10/2015 – Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li Għandhom ir-Responsabilita' ta' Librerija Lokali.**

2.2 Inqrat Memo 13/2015, mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Last Reminder*** **– Memo 13/2015 – Proġetti varati mill-Kunsill Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 14/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 14/2015 – Infiq fuq Servizzi Professjonali – 2014.**

2.4 Inqrat Memo 15/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 15/2015 – Aġġornamenti tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali.**

2.5 Inqrat Memo 16/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 16/2015 – Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS)* – www.etenders.gov.mt.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Training Session Promoting Equality, Managing Diversity – ESF4.220 – Developing a Culture of Rights through Capacity Building.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Sistema Telefonika Ġdida fl-Uffiċċju Elettorali f'Evans Building, il-Belt Valletta.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kontijiet tal-ħlas tal-liċenzji tan-negozju dovuti għal 2015.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Sector Forum.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Sector Statistics in terms of Directive 7 – 2nd Quarter 2015.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Request for information regarding Council Employees CHANGES (I do not want a staff list).***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Please Treat as Urgent – PQ 17043/17045.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Creditor's Balances – 30/06/15.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 339/115* – Aġġornament ta' Tenders tal-Kunsilli Lokali – Memo 10/2013 – *All Local Councils.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angele Vella, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Bye-Law mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Abdilla, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Leadership Academy Programme for Local Government – A Partnership for Creative Governance.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Invit għal nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2015 – Varar**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**tal-Iskema tal-Libreriji Lokali u Sezzjonali ta' Informazzjoni fuq l-Iskema tal-*Lifelong Learning.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Payment claim for Live Streaming Memo.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Degiorgio, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Public Private Partnership Qrendi LC.***

2.19.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li wara li daħlu dawn il-flus, il-Kunsill Lokali jista' jħares lejn il-*bill of quantities* ta' Triq il-15 t'Awwissu jekk kemm-il darba għandu nteress li din issir.

2.19.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li fl-opinjoni tiegħu aħjar nistennew sakemm jinqata' l-appell li għandna fil-preżent dwar il-kuntratt tal-Perizija, imbagħad id-deċiżjoni tittieħed wara li jinqata' l-appell.

2.19.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li taqbel mar-raġunament tal-Viċi Sindku minħabba li nkella Perit se jkun qiegħed jidħol fuq ieħor, u la nistgħu nevitawha aħjar nistennew.

2.19.4 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qablet mal-argumentazzjoni taż-żewġ Kunsillieri li tkellmu qabilha u qalet li aħjar nistennew id-deċiżjoni tal-appell.

2.19.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia kkonferma dak li qalu ta' qablu.

2.19.6 Id-deċiżjoni għaddiet b'vot unanimu u għaldaqstant se nkunu qegħdin nistennew li tinqata' d-deċiżjoni tal-appell qabel immexxu dwar din it-triq partikolari.

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marica Axiaq, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **LAS.**

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorielle Theuma, Clerk fl-uffiċċju tal-President ta' Malta, bit-titlu ***Invitation – The Informal Carer Award.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Azzopardi, *Events Coordinator* fl-uffiċċju tal-President ta' Malta, bit-titlu ***Invitation.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 33/2015 – Prospectus tal-MCAST.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Gentle Reminder – WebCheck* għall-Kunsilli Lokali.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, *Special Advisor* tal-Assoċjazzjoni Gvern Lokali, bit-titlu ***Latvia Vidzeme partner is looking for advice.***

2.25.1 Is-Sindku David Schembri qal li għandna problema fejn se nżommu lil dawn il-persuni li se jiġu.

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Victor Incorvaja, Uffiċjal fis-Segretarjat tal-Ministeru għall-Finanzi, bit-titlu **Appell fuq Tender QLC SACE 49/15.**

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella mid-Dipartiment tat-Tagħlim Tul il-Ħajja, bit-titlu ***Lifelong Learning Dissemination Material.***

2.28 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, dwar "għotja ta' €1,386.32 sabiex intejbu u niffaċilitaw il-ħajja ta' persuni b'diżabilita' fil-lokalita' tal-Qrendi."

2.28.1 Is-Sindku David Schembri qal li nistgħu nibdew naħsbu sabiex nibdlu l-bandla tal-persuni bi bżonnijiet differenti li hemm fiż-żewġ *playing fields* tal-Qrendi.

2.28.2 Spjega kif jista' jagħti l-każ li dawn jiġu jiswew ftit aktar mill-ammont li se ningħataw mir-Reġjun tan-Nofsinhar u qal li jew dan l-ammont jinħareġ mill-Kunsill Lokali nkella nagħmlu talba lir-Reġjun sabiex ningħataw aktar fondi.

2.28.3 Żied li fil-jiem li ġejjin se nkunu qegħdin nitolbu għall-kwotazzjonijiet dwar dawn il-bandli sabiex nagħmlu waħda fil-Ġnien tal-Warda u oħra fi Ġnien

Nicolo' Communet.

2.28.4 Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi qabel b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Konferenza Stampa – 17 ta' Lulju 2015.**

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Sommarju – Fondi mgħoddija mir-RN.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***A+ Accessibility Award*** **– Laqgħa Reġjun Nofsinhar.**

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***GAL Xlokk Election 2015.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***GAL Xlokk Election Decision Committee – 2015.***

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***GAL Xlokk AGM 2015.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A5 – Embellishment Project Photos.***

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni, bit-titlu **Attivita' Soċjali minn ANSEK – BBQ fil-lukanda Le Meridien – 24 ta' Lulju.**

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur George Papagiorcopulo, *Project Manager ESF4.181,* bit-titlu ***Train-the-Trainer Component – ESF4.181 – Improving Public Management & Governance at Local Level.***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Anne Micallef, Assistent Prinċipal fil-Ministeru għall-Finanzi, bit-titlu **Bozza Maqtugħa – Wied iż-Żurrieq.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ramon Deguara mill-*Cleansing Services Department* dwar il-promenade ta' Wied iż-Żurrieq.

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Rene Savona Ventura, *Operations Manager* tal-IPSL, dwar ġbir t'informazzjoni.

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ivan Mifsud, *Senior Administrator* fil-*Water Services Corporation*, bit-titlu ***Embellishment works at* Triq Sant'Anna *and* Triq Ħal Lew, Qrendi.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Stephan Micallef, *EU Project Officer* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u l-Bidla fil-Klima, bit-titlu ***QLC – RS 49/11 Procurement.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marilyn Debono bit-titlu ***ESF 4.243 – Training on New ETC Portal in September.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Natalie Galea mill-*Genista Research Foundation Malta,* bit-titlu ***Calls under priority axis 2: Towards a more inclusive society is open for Local Councils and NGO's.***

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Micallef, *Environmental Health Practitioner* fid-Dipartiment tas-Saħħa, bit-titlu ***QLC 25.06.2015 – Foul water channelled into storm water culverts at* Wied iż-Żurrieq.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cynthia Amato, *Social Mentor – LEAP,* bit-titlu ***Issuing of references to beneficiaries.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Cynthia Amato, *Social Mentor – LEAP,* bit-titlu ***Intensive Training for Beneficiaries.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise-Mariella Farrugia, *Regional Development Agent – LEAP*, bit-titlu ***Invitation to Training – LEAP Project ESF 3.234.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Denise-Mariella Farrugia, *Regional Development Agent – LEAP*, bit-titlu ***Customer Care Services at LEAP***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Centre.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sarah Jane Farrugia mill-MITA, bit-titlu ***Invitation for ESF4.243 "Public Services Online" Seminar – Thursday 25th June.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christabel Grima mill-NSO, bit-titlu ***Job Vacancies Survey 2015 – Quarter 2 – Ref: 56841.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of a wedding reception in Qrendi.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***Feast of Our Lady of Lourdes, Qrendi.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tommy Debono minn Transport Malta, bit-titlu ***DPN of the feast of Our Lady of Lourdes in Qrendi.***

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Kuntistabbli Rodienne Bartolo, *Community and Media Relations Unit*, bit-titlu ***Police Day 2015.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Zammit, *Environment Protection Officer* mal-MEPA, bit-titlu **Qrendi – San Mattew tal-Maqluba – *Carob Branch Pruning (NP63/15).***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Alexandra Galea, *Education Officer* ma' WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***WasteServ – European Week for Waste Reduction – meeting.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francisca Zahra, *Senior Clerk* ma' WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***20 & 21st July 15 – WasteServ Facilities will close at 4:15pm.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Gillian Bajada, *PR & Communications Manager*, bit-titlu ***Customer Feedback from Local Councils.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Matthew Mallia, *Waste Management*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Promoter*, bit-titlu ***Imp Pls – Re meeting with WasteServ Malta Ltd.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Tabone, *Senior Operations Manager* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Collection of Electrical and Electronic Waste Products.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Qrendi resident: Winner of the* Irriċikla u Irbaħ ma' *GreenPAK Campaign.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Melissa Abdilla, *Operations Executive* ma' GreenPAK, bit-titlu **Bring-In Sites Mimlija.**

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Adrian Abela bit-titlu ***Art in Public Spaces Program 2016-18 – Qrendi Local Council.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Tricia Dawn Williams bit-titlu ***Call for cultural events to be listed in the second issue of ENCORE – Arts & Culture Magazine – Local Councils.***

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Animal Guardians Malta*, bit-titlu ***Press Conference: Local Councils Actively Participating in Stray Cat Control & Care.***

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*Animal Guardians Malta*, bit-titlu ***Urgent! Animal Welfare Councillors – Change of Date & Time.***

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Anthony Zammit, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, bit-titlu **Laqgħa mas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija.**

2.69 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur John Vella, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu **Festa 2015.**

2.70 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tonio Bonello, *Manager – Programme Administration* ta' Radju RTK, bit-titlu **Attivita' – Dar tal-Providenza.**

2.71 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tonio Bonello, *Manager – Programme*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Administration* ta' Radju RTK, bit-titlu **Intervista.**

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tonio Bonello, *Manager – Programme Administration* ta' Radju RTK, bit-titlu **Intervista Ktieb.**

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Attard, *Communications Coordinator* tal-*Young Business Entrepreneurs*, bit-titlu ***Youth Business Forum 2015.***

2.74 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Grech, Assistent Kap tal-Iskola Primarja tal-Qrendi, bil-lista ta' studenti li ħadu sehem fil-Festival Agrarju tal-Patata 2015.

2.75 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Scicluna bit-titlu **Mina ta' Ħal Kirkop.**

2.75.1 Il-Kunsill Lokali qabel li għandna nappoġġjaw din il-korrispondenza u se nkunu qegħdin nagħmlu li nistgħu sabiex nagħmlu aktar pressjoni flimkien mas-Sindki tal-lokalitajiet viċin tagħna.

2.76 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Sandra Chetcuti, *Event Sales & Marketing Manager* minn Smart City Malta, bit-titlu ***Coffee Mornings.***

2.77 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Antonella Calleja, Segretarja tal-Valletta Lions Rugby, bit-titlu ***Summer fun and Beach rugby.***

2.78 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jennifer Law, *Education Projects Assistant* ta' *BirdLife Malta*, bit-titlu ***Spot a Sparrow photo competition.***

2.79 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Cedric bit-titlu **Kaxxa Magħluqa *Game Show.***

2.80 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Azzopardi minn Kummissjoni Djoċesana Sport, bit-titlu ***True Sports Through Faith.***

2.81 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur John Vella bit-titlu ***Query.***

2.82 Inqrat ittra mibgħuta mill-Perit Simon P. Darmanin bit-titlu ***Request for Placing of Tables and Chairs***.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.82.1 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li kienet avviċinata mis-sidien ta' dan ir-restorant f'Wied iż-Żurrieq li spejgawlha x'inhu jiġri u x'jixtiequ.

2.82.2 Żiedet li l-idea tas-sidien mhijiex biss li jarmaw l-imwejjed u s-siġġijiet imma jixtiequ li jsebbħu ż-żona faċċata tal-ħanut tagħhom.

2.82.3 Is-Sindku wieġeb li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali mhux se joġġezzjona għal din it-talba, se jkun qiegħed jinħoloq preċedent għall-futur qarib għaliex kull restorant li hemm f'Wied iż-Żurrieq wrew ix-xewqa li japplikaw għal permessi simili, jiġifieri għall-imwejjed u s-siġġijiet barra.

2.82.4 Żid li din it-talba tmur kontra r-regolamenti tal-MEPA peress li dan is-sit huwa barra miż-żona ta' żvilupp u għaldaqstant mhuwiex permess żvilupp bħal dan.

2.82.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li l-problema tat-traffiku żdiedet f'Wied iż-Żurrieq u allura se nkunu qegħdin inżidu l-periklu jekk naċċettaw din it-talba.

2.82.6 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu joġġezzjona għal din it-talba u għal talbiet simili oħra li jistgħu jaslu f'dan ir-rigward.

2.82.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li bħala Kunsill Lokali rridu nżommu l-konsistenza u allura hu se jkun qiegħed joġġezzjona wkoll għal din it-talba.

2.82.8 Fil-fatt, wara li ma kienx hemm qbil unanimu dwar dan il-każ, is-Sindku David Schembri, l-Viċi Sindku Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ma qablux mat-talba dwar permess għall-imwejjed u s-siġġijiet.

2.82.9 Min-naħa l-oħra, l-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud qablu mat-talba sabiex jingħata permess għall-imwejjed u s-siġġijiet.

2.82.10 Din it-talba m'għaddietx bi tliet voti kontra tnejn u għaldaqstant il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed joġġezzjona għal din it-talba.

2.83 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Charles Polidano bit-titlu **Evidenza ta'**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**diversi kontravenzjonijiet.**

2.84 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Stuart Bezzina dwar majjalata fi Triq it-Tempesta, il-Qrendi.

2.84.1 Is-Sindku qal li fil-prinċipju hu ma jaqbilx li naċċettaw din it-talba minħabba li se nkunu qegħdin noħolqu preċedent fejn tidħol is-sigurta' u s-saħħa tar-residenti li joqgħodu f'dik iż-żona.

2.84.2 Żid lit-talba tirrigwarda posta fil-by-pass tal-Qrendi, li f'dawk il-ħinijiet mitluba jkun traffikuż ħafna.

2.84.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li min-naħa tiegħu ma jsib l-ebda oġġezzjoni li naċċettaw din it-talba sakemm isir it-tindif neċessarju wara li jlesti.

2.84.4 Is-Sindku wieġeb li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin nidħlu għal ħafna responsabiltajiet meta fl-aħħar mill-aħħar se nkunu qegħdin indaħħlu biss €23 mill-permess u nispiċċaw noħorġu aktar flus milli ndaħħlu.

2.84.5 Is-Sindku ppropona li m'għandniex naċċettaw din it-talba.

2.84.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.85 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Abigail Aloisio bit-titlu ***Enquiry for Qrendi Local Council from Abigail Aloisio.***

2.86 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mizzi bit-titlu ***Street Light Not Working.***

## 3. RIŻOLUZZJONI SPEĊJALI DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC PC 49/15

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega kif inhi l-proċedura meta ssir Riżoluzzjoni Speċjali u dan sabiex il-membri tal-Kunsill Lokali jifhmu l-proċess.

3.2 Is-Sindku David Schembri qal li tkellimna mal-avukat Dr Joe Sammut u l-parir legali tiegħu hu li nerġgħu noħorġu s-sejħa għal dan il-kuntratt.

3.3 Saret diskussjoni wiesgħa jekk fil-kuntratt il-ġdid għandniex noħorġu klawsola li tgħid li ma naċċettawx offerti li jkunu inqas minn ammont stipulat, dejjem skont il-Ligi Maltija tax-Xogħolijiet.

3.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament lid-dokument il-ġdid tas-sejħa għall-offerti għandu jinkludi klawsola simili.

## 4. TISBIEĦ TA' SQAQIEN FIL-KONFINI TAL-QRENDI

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Perit tal-Kunsill Lokali Anthony Bezzina għamel proposta lill-Kunsill Lokali sabiex nispeċifikaw liema sqaqien iridu jiġu msebbħa madwar il-lokalita' u dan sabiex isiru l-pjanti u jinġiebu l-permessi mill-MEPA ħalli malli jinħarġu l-iskema għall-isqaqien inkunu nistgħu napplikaw mill-ewwel.

4.2 Żid ukoll li l-Perit Bezzina mhux se jitħallas ta' dan ix-xogħol jekk kemm-il darba ma nibbenefikawx minn xi skema.

4.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li kif għamilna minħabba Triq il-15 t'Awwissu għandna nagħmlu f'dan il-każ, jiġifieri li ma nagħmlu xejn ġdid sakemm jinqata' l-appell dwar il-Kuntratt tal-Perizija.

4.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 5. ***RESURFACING* TA' TRIQ IL-15 T'AWWISSU (PARTI MINN)**

5.1 Dan il-punt diġa' ġie diskuss f'Minuta 2.19 f'dawn l-istess Minuti.

## 6. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-preżent hemm pjanijiet sabiex fil-futur fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq isir parkeġġ b'erba' sulari taħt l-art kif ukoll isiru latrini pubbliċi ġodda u jitneħħew dawk li hemm fil-preżent.

6.1.1 Spjega li l-ħsieb fil-preżent hu li l-Gvern Ċentrali jidħol f'*public private partnership* mal-privat kemm sabiex isir il-parkeġġ kif ukoll biex isiru l-latrini pubbliċi.

6.1.2 Qal li l-parkeġġ simili 'l isfel lejn il-baħar se jkun qiegħed iservi wkoll għall-għaddasa filwaqt li l-latrini pubbliċi se jinżlu ftit aktar 'l isfel lejn il-baħar minn fejn qegħdin illum.

6.1.3 Żid li saret laqgħa mas-Sur Joe Debono mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu sabiex inwasslu x-xewqat tal-Kunsill Lokali fuq it-tisbiħ li jrid isir f'Wied iż-Żurrieq.

6.1.4 Qal li matul l-aħħar ġranet saru xogħolijiet ta' dawl fin-niżla ta' Wied iż-Żurrieq kif ukoll is-slielem tqiegħu f'posthom.

6.2 Is-Sindku spjega lix-xewqa tal-Kunsill Lokali hi li jsiru aktar dwal mal-kosta imma hawnhekk jista' jkun li se nsibu l-MEPA u Natura 2000 li joġġezzjonaw minħabba l-għasafar u t-tinġiż tal-arja minħabba d-dawl.

6.2.1 Bħala Kunsill Lokali qegħdin nipproponu wkoll li l-moll mill-'ponta' sal-'ponot' ikun *resurfaced*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.3 Is-Sindku qal li fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq qegħdin jinżlu l-Gwardjani Lokali u s'issa qegħdin jagħtu informazzjoni lil min jipparkja ħażin, imma mill-ġimgħa d-dieħla se jibdew jinħarġu l-kontravenzjonijiet.

6.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk f'dawn il-proposti ta' tisbiħ, hemmx xi proposta li jsir bus xelter f'Wied iż-Żurrieq.

6.4.1 Is-Sindku wieġeb li fil-proposta tal-parkeġġ hemm inkluż il-bus xelter, u jekk kemm-il darba din il-proposta tiġi approvata, dan se jkun qiegħed isir ukoll.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 313 u qal li l-*Managing Authority* issuġġeriet li bħala Kunsill Lokali nirrifondu s-€7,500 lill-Aġenzija tal-Pagamenti u nieħdu l-każ li għandna ma' *Europe Direct* quddiem il-Qorti sabiex imbagħad niġu rifużi aħna.

6.6 Is-Sindku tkellem dwar il-preżentazzjoni tal-ktieb *"Qrendi, its people and their heritage"* lill-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca.

6.7 Is-Sindku tkellem ukol dwar il-pubbliċita' li kellna fuq dan il-ktieb, fil-programmi fuq Radju RTK, f'Mad-Daqqa t'Għajn kif ukoll fuq il-magażin Bizzilla.

6.8 Is-Sindku tkellem dwar l-inzijattiva, *Arts in Open Spaces.*

6.8.1 Qal li tkellem mal-artist u skultur Chris Ebejer li wera x-xewqa li jieħu sehem filwaqt li għamel kuntatt m'Anġlu Agius permezz ta' *e-mail* imma s'issa għad m'għandu l-ebda risposta.

6.8.2 Żid li l-perit u artist Adrian Abela diġa' ġie fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u kellu laqgħa miegħu u jidher li huwa interessat ħafna li jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

6.9 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mas-Sa. Maria Schembri dwar sejħiet diversi li joħorġu mill-Unjoni Ewropea u kif il-Kunsill Lokali jista' jibbenefika minn fondi diversi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.9.1 Qal li bqajna bil-ftehim magħha li jekk kemm-il darba jkun hemm xi fondi li jista' jibbenefika minnhom il-Kunsill Lokali tal-Qrendi, għandha tinfurmana minnufih.

6.10 Is-Sindku tkellem dwar l-installazzjoni ta' ATM fil-Qrendi.

6.10.1 Qal li għandna laqgħa fil-ġimgħat li ġejjin ma' rappreżentanti tal-BOV sabiex naraw jekk tistax issir ATM u jekk iva, fejn tista' ssir.

6.11 Is-Sindku tkellem dwar immaniġġjar tat-traffiku li għandna bżonn fil-lokalita'.

6.11.1 Qal li rridu nieħdu bis-serjeta' dawn li ġejjin:

- Triq it-Tempesta k/ma' Triq iż-Żurrieq
- Triq it-Tempesta k/ma' Triq Antonio Chircop
- Triq iż-Żurrieq k/ma' Triq Manuel Sciberras
- Triq Antonio Chircop k/ma' Triq Ġuże' Cassar

6.12 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-Ġnien tal-Kmand u qal lix-xogħol issa wasal fl-aħħar fażijiet tiegħu u fadal biss żewġ filati sabiex ikun lest kollox.

6.13 Is-Sindku tkellem dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016.

6.13.1 Qal li hemm bżonn nibdew naħsbu minn kmieni għal dan il-Festival, u dan sabiex nibbenefikaw kemm nistgħu mill-fondi li jinħarġu għall-attivitajiet kulturali u sabiex bħala lokalita' nitfgħu aktar isimina fuq il-mappa Maltija u jekk jista' jkun anke fuq il-mappa Ewropea.

6.13.2 Spjega kif f'Settembru li ġej se jiġu Malta Froujke u Rudi mill-Olanda u jkun ideal li nibdew naħsbu dwar dan il-Festival minn wara l-festi ta' raħalna.

6.14 Is-Sindku tkellem dwar talba li saret waqt ir-riċeviment li l-Kunsill Lokali organizza dakinhar tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

6.14.1 Qal li dakinhar, is-Sindku ta' Monreale stieden lill-Kunsill Lokali sabiex

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

nibdew naħdmu ħalli jsir ġemellaġġ bejn dawn iż-żewġt irħula.

6.14.2 Żid li se nkunu qegħdin nevalwaw il-possibiltajiet kollha sabiex nipproċedu f'dan ir-rigward.

6.15 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar il-ħarġiet li saru mill-Kunsill Lokali, waħda għall-gżira Għawdxija u l-oħra fi Sqallija.

6.15.1 Qal li kienu 100 ruħ li marru Għawdex filwaqt li 49 ruħ marru Sqallija.

6.15.2 Tkellem ukoll dwar l-attivitajiet li jmiss u li se jkunu organizzati mill-Kunsill Lokali:

- 16 ta' Settembru – ħarġa għal Għawdex
- Ħarġa għal nofs ix-xahar t'Ottubru imma għadhom iridu jiġu finalizzati xi punti loġistiċi
- *Weekend Break* matul ix-xahar ta' Novembru, preferibilment mill-14 sas-16 ta' Novembru

6.16 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-websajt tal-Kunsill Lokali u qal li hemm bżonn li jkollna websajt aktar professjonali.

6.16.1 Qal li tkun ideali jekk nippruvaw insibu xi studenti tal-MCAST li jkunu qegħdin jistudjaw fuq dan il-qasam sabiex jibnu s-sit huma mill-ġdid.

6.16.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

6.17 Il-Viċi Sindku tkellem dwar proposta li ssir laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi u/jew ma' uffiċjali ta' Transport Malta sabiex nitkellmu dwar ir-rotot ta' Ħaġar Qim u r-residenza San Vinċenz De Paule.

6.17.1 Fil-fatt se nkunu qegħdin niċċekkjaw meta huwa possibbli li ssir din il-laqgħa jew laqgħat sabiex issir diskussjoni dwar dawn ir-rotot li nqatgħu fl-aħħar snin.

6.18 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar *charging point* tal-karozzi li jaħdmu bl-elettriku fil-lokalita' tagħna.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.18.1 Qal li fil-preżent m'għandniex post fejn isir dan ir-*recharging* u għalhekk għandna nfittxu u nevalwaw fejn l-aħjar li jsir.

6.19 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar possibilta' ta' skip fi Triq il-Fulija.

6.19.1 Qalet li qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ u probabbli bi skip dan il-ħmieġ jonqos.

6.19.2 Se nkunu qegħdin nikkunsidraw din il-proposta u naraw jekk huwiex possibbli li jsir dan l-iskip f'din it-triq.

6.20 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li tixtieq li torganizza ġurnata l-i*Splash & Fun* fit-28 t'Awwissu 2015 u se jkun qiegħed jinħareġ poster għal din l-attivita'.

## 7. **FINANZI**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €28,131.63c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 07/15 u €109.25c skont il-*Petty Cash* Ref S/06.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

8. **AĠĠORNAMENT**

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 t'Awwissu 2015 fl-4:30pm.

8.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-ħin tal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

_________________________ _________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**